# IL-MUŻIĊISTA KARLU DIACONO U BORMLA

## F'egħluq il-50 sena mill-mewt tiegħu

### Kitba tal-Kanonku Prep. JOSEPH BONELLO

***Għalkemm Diacono ma kienx minn Bormla, huwa kellu konnessjoni kbira ma' Bormla. Għal għaxar snin kien jiġi jistudja u jitħarreġ fil-mużika għand is-surmast Paolino Vassallo. Tant mexa 'l quddiem fl-istudju tiegħu li kemm-il darba mexxa lill-Banda San Ġorġ ta' Bormla fl-assenza tas-surmast Vassallo. Dan tant kien jaraħ jinteressa ruħu li wasal biex irregalalu l-vjolin tiegħu (illum qed jitgawda minn ibnu Frankie). Wara Paolino Vassallo, Diacono laħaq ukoll Direttur u Surmast ta' l-istess Banda. Għal diversi snin kien "Maestro di Cappella" tal-Kolleġġjata tagħna u huwa wkoll il-kompożitur tal-famuża Antifona tal-Kunċizzjoni. Illum, ibnu Frankie, għadu "Maestro di Cappella" tal-Kolleġġjata u għadu jsemmalna l-mużika sabiħa ta' missieru. Għalhekk jixraq li f'egħluq il-50 sena minn mewtu nfakkru lil dan il-mużiċista famuż.***

MIN KIEN?



Karlu Diacono twieled iż-Żejtun fl-1 ta' April, 1876, minn Orazio li kien fundatur tal-Banda Beland taż-Żejtun u minn Francesca Saveria née Darmanin. Meta kellu 16-il sena beda jistudja għand Paolino Vassallo. Kien daqsxejn ta' tfajjel u diġà narawh idoqq il-kwartin mal-Banda Beland. Wara sar organista fil-Parroċċa taż-Żejtun fejn għaqqad kor tat-tfal. Minn hawn beda jingħata kummissjonjiet f'diversi parroċċi. Fl-1904 meta fit-Teatru Rjal ġiet ippreżentata l-opra FRAZIR ta' Paolino Vassallo, Diacono kien inkarigat biex igħallem lill-atturi u lill-koristi. Fil-15 ta' Novembru, 1908, iżżewweġ lil Marija Stella Connataci (iz-zija tal-Arċisqof Emanuel Gerada) u kellu tmien ulied li ħamsa minhom mietu żgħar. It-tlieta li għadhom ħajjin huma Orazio, illum perit, Maria, pjanista magħrufa u Frankie, Maestro di Cappella ta' diversi parroċċi, nkluża Bormla. Karlu Diacono kien raġel tal-familja, nisrani konvint u devot kbir tal-Madonna. Sbieħ ferm huwa l-innijiet Ave Marija, Tota Pulchra u Preghiera alla Vergine.

MAESTRO DI CAPPELLA F'BORMLA

Fi żmien Diacono l-mużika fil-knejjes kienet fl-aqwa tagħha, in-nies kienet tiffolla fil-festi biex tisma' l-mużika sagra. L-aqwa unur li seta jkollu mużiċista Malti kien li jsir "Maestro di Cappella" tal-Katidral. Għal din il-kariga Diacono ġie magħżul mill-Isqof Caruana fid-9 ta' Frar 1923 wara l-mewt ta' Paolino Vassallo. F'din il-kariga ġdida, Diacono mexxielu jikteb mużika sabiħa u addattata ħafna għall-funzjonijiet liturġiċi. Il-mużika tiegħu malajr bdiet tiġi apprezzata, tant li laħaq Maestro di Cappella ta' Bormla, tal-Birgu, tal-Isla, taż-Żejtun u diversi parroċċi oħra.

Fl-1923 Diacono kiteb il-famuża Antifona tal-Kunċizzjoni "Hodie Egressa Est" li lilna l-Bormliżi tant tferraħna fil-jiem tal-Festa.

DIRETTUR TAL-BANDA SAN ĠORĠ

Peress li dak li kienu jkunu Maestro di Cappella tal-Katidral ma kinux jaċċettaw li jkunu Diretturi tal-baned, Diacono ma jidhirx li kien interessat f'din il-kariga. Matul għomru, ma' żewġ baned biss kellu x'jaqsam ċioè mal-Banda Beland għax kienet il-banda ta' missieru u ta' raħal twelidu, u mal-Banda San Ġorġ ta' Bormla għax kienet il-banda ta' Paolino Vassallo, is-surmast tiegħu. Huwa laħaq Direttur ta' din il-Banda wara l-mewt ta' Vassallo li ġrat fit-30 ta' Jannar 1923. F'dan iż-żmien Diacono kiteb il-famuż innu tiegħu "Inno alla Immacolata" li ndaqq fl-1955 waqt il-miġja fostna tal-Kardinal Frederico Tedeschini fl-okkażjoni tal-festi ċinkwantinarji ta' l-Inkurunazzjoni, reġa' ndaqq waqt akkademja li saret fil-Parroċċa fl-1980 fil-75 anniversarju ta' l-Inkurunazzjoni. Wieħed mill-aqwa trijonfi ta' Diacono kien meta fis-Silver Jubilee tar-Re Ġorġ V idderiġa 35 banda f'daqqa fil-Main Guard u fuq Kastilja fil-Belt Valletta.

APPREZZAMENT TAL-MUŻIKA TIEGĦU

Karlu Diacono ħallielna għadd kbir ta' mużika sagra fosthom 45 quddiesa kantata, 22 quddiesa tal-mejtin, il-quddiesa tat-Trombi li tindaqq fil-Kunċizzjoni, sabiħ ferm huwa l-famuż Laudate Pueri li għadu jindaqq lejlet il-festa tagħna, kiteb għadd ta' għosrien, innijiet, oratorji u antifoni. Sbieħ ukoll huma l-antifoni tal-Kunċizzjoni, ta' San Lawrenz u ta' Santa Katerina.

Fil-mużika lirika u profana Diacono ma baqax lura: kiteb għadd kbir ta' Sinfonija, *Overtures*, Preludji mużika Polifonika, Marċi, innijiet għall-orkestra, rumanzi u xogħolijiet għal pjanu. Il-mużika tiegħu ndaqqet f'Ruma, fi New York, fil-Kajr kif ukoll waqt Esibizzjoni Brittanika f'Wembley fl-Ingilterra. Is-surmast Taljan Refice li ġie Malta kemm-il darba qal: **"Diacono huwa lussu għal Malta"**, Pietro Mascagni għamel dan il-kumment: **"Diacono stess ma jafx kemm jipposjedi talent mużikali"** u Monsinjur Perosi Maestro di Cappella Sistina tal-Vatikan qal: **"Il-mużika ta' Diacono tant hi sabiħa li sserraħni fin-niket tiegħi".**

EGĦLUQ

Huwa unur kbir għalina l-Bormliżi li dan il-ġenju kien Maestro di Cappella tal-Kolleġġjata tagħna u Surmast/Direttur tal-Banda San Ġorġ. Żgur li meta nisimgħu l-Antifona tal-Kunċizzjoni u l-Quddiesa tat-Trombi aħna l-Bormliżi niftakru fih, mużiċista li ħallielna tant mużika sabiħa. Diacono miet fil-15 ta' Ġunju 1942, 50 sena ilu, f'Ħal Lija u ndifen fiċ-ċimiterju taż-Żejtun.

☞



*Mro. Orazio Diacono, fundatur tal-Banda Beland, flimkien ma' martu Francesca Saveria née Darmanin u ż-żewġ uliedhom subien - Carlo maġenb ommu u Gio Batta (Tittu) fuq missieru.*

## QUDDIEM L-IMMAKULATA



**O Marija Immakulata**
**Kemm sabiħa narak jien**
**Tisboq sewwa l-ġmiel kollu**
**Illi jsebbaħ il-ħolqien.**
**It-tbissima ta' fuq fommok**
**Tinżel ħlejju ġewwa fija**
**Timlini b'kuraġġ u saħħa**
**u b'imħabba tassew kbira.**
**Int għalhekk sabiħa f'kollox**
**Fil-ħarsa ta' għajnejk**
**Fit-tbissima ta' fuq fommok**
**U fil-paċi ta' jdejk.**
**Fik nara x-xemx tiddi**
**Meta nħares fiss f'għajnejk**
**Inħossni nġerrah qalbi**
**Inkun ser intir bil-ferħ**
**Dawk idejk waħda ma' l-oħra**
**Swaba rqaq dritti u puliti**
**Fihom nilmaħ dik il-paċi**
**Li tagħmilni ferm ferm hieni.**
**Kif nista għalhekk Madonna**
**Ma nitpaxxiex b'dan il-ġmiel**
**Illi jagħmlek l-aqwa f'kollox**
**Minn kull ħlejqa li naf jien.**
**Għalhekk minn qalbi nitolbok**
**Sabiex ħarstek titfa fuqi**
**U minn midneb kollu ħtija**
**Tagħmel minni bniedem umli.**

JOE SCIBERRAS


# MONTALTO JEWELLERY

26, St. Theresa Street,

Cospicua.

TEL: 661282